# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2467

Każ Nru 3376/FM

Fiul-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Vincent Camilleri

u

SS Lifts Limited (C 12793)

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data; 22 ta' Marzu 2017

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors tal-Avv Carina Testa magħmul f'isem Vincent Camilleri fit-8 ta' Ġunju 2015, fejn ġie allegat li dan kellu l-impjieg tiegħu minn mas-Soċjetà SS Lifts Limited terminat għal raġunijiet mhux tajba u biżżejjed. Is-Soċjetà Intimata SS Lifts Limited rappreżentata mill-Avv Simon Galea Testaferrata ċaħdet dan.

Inżammu disa' seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba n-numru ta' seduti kif ukoll minħabba differiment twil ma kienx possibbli li l-każ jinstema' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Att.

**2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrent jgħid illi huwa ġie liċenżjat mill-impieg tiegħu fid-19 ta' Frar 2015 għad li fir-*records* tal-ETC jidher li hemm dati konfliġġenti. It-tkeċċija tiegħu mill-impieg ma' SS Lifts Limited kienet waħda inġusta u kontra l-liġi. Huwa jgħid li dejjem qeda' dmirijietu sewwa. Jgħid li ftit ingħata taħriġ iżda xorta stinka biex iwettaq dak ix-xogħol li kien mistenni minnu. Is-Soċjetà Intimata tgħid li wara li beda jaħdem tajjeb xogħolu beda ftit ftit jmur lura u kien hemm diversi klijenti li lmentaw minnu u kien hemm min ma riedux jerġa jmur għandu.

Tgħid is-Soċjetà Intimata illi kien jinsa dak li tgħallem u darba anke ħalla warajh għand klijent *vacuum cleaner*. Ippreżentat lista ta' klijenti li lmentaw mix-xogħol tar-Rikorrent għad li ma sejjħu lill-ebda wieħed minn dawn il-klijenti biex jixhed.

**<u>3. Konsiderazzjonijiet</u>**

Is-Soċjetà Intimata tat bħala raġuni għat-tkeċċija *continuous failure to perform.* Tgħid li l-ewwel iddaħħal jaħdem bħala *lift technician* u imbagħad biddlulu x-xogħol għal dak ta' *servicing*. Ir-Rikorrent jgħid li qatt ma kellu *complaints*, qatt ma ngħata *warnings* u kien sorpriz meta qalulu li se jibgħatuh. Ftit qabel bagħtuh kienu tawh iż-żieda li kienu ppromettewlu, għad li Raymond Sant jinnega dan (seduta 26.10.16 fol 13-14). Il-*complaints* li allegatament saru, ir-Rikorrent jgħid li ma jafx bihom, anzi jirritjeni li kull klijent li ssemma dejjem ħadem tajjeb miegħu. Li hu ċert huwa l-fatt li l-ilmenti msemmija mis-Soċjetà Intimata saru xhur qabel ma ġie liċenzjat ir-Rikorrent, li jfisser li anke jekk verament saru, ma kienux il-kawża diretta u immedjata għat-tkeċċija tiegħu. Affaċċjat minn evidenza kunfliġġenti dwar dawn il-*complaints* it-Tribunal ried jara jekk kienux serji biżżejjed biex jiġbdu fuq ir-Rikorrent is-sanzjoni estrema ta' tkeċċija. Jekk għal grazzja tal-argument dawn il-*complaints* fil-fatt saru, it-Tribunal huwa tal-fehma li ma jilħqux il-livell ta' suffiċjenza li l-liġi titlob biex ikun hemm *giusta causa* li timmerita tkeċċija.

**<u>4. Deċiżjoni</u>**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Vincent Camilleri minn mas-Soċjetà Intimata SS Lifts Limited ma sarx għal raġuni tajba u biżżejjed.

**<u>5. Kumpens</u>**

It-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut mis-Soċjetà Intimata SS Lifts Limited lir-Rikorrent Vincent Camilleri fl-ammont ta' €3600 (tlett elef u sitt mitt ewro) li jridu jitħallsu mhux iktar tard mit-22 ta' April, 2017.

B'hekk jintemm dan il-Każ

**<u>6. Drittijiet</u>**

A tenur tal-Avviz Legali 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja